MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 681/2007

**Casa D'Arte Limited (C - 8126)**

**-vs-**

**Charles Bristow u Carol Maureen Bristow**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tliet mija u tnejn u disghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm392.57) li huma ekwivalenti ghal disa' mija u erbatax-il Euro u erbgha u erbghin centezmu (€914.44) rapprezentanti somma bilancjali dovuta mill-konvenuti fuq prezz ta' kcina tat-tip *Tropical Beech Veneer* mahduma u kkonsenjata mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-konvenuti stess kif ukoll bhala hlas ghal xogholijiet rezi fuq kuntratt t'appalt bejn il-partijiet liema xogholijiet addizzjonali tlestew mis-socjetà attrici izda baqghu ma thallsux mill-konvenuti. Bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha wiegbu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet kif dedotti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-kawza odjerna tirrigwarda mertu li jikkostitwixxi *res judicata*.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess li l-azzjoni odjerna hija intempestiva skond il-ligi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-ammont mitlub huwa wkoll ezagerat u ghaldaqstant qieghed jigi kontestat.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-18 t'Ottubru, 2006 bejn l-istess partijiet liema sentenza konfermat dik moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fit-3 t'April, 2006 li permezz taghha gie deciz illi t-talba kwazi identika ghal dik odjerna u cioè, fejn f'dik il-kawza is-socjetà attrici kienet titlob hlas tal-ammont ta' tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm348) giet michuda ghaliex gie ritenut illi sakemm ma jkunux gew eliminati difetti jew ix-xoghol jithalla inkompletat, l-azzjoni ghall-hlas titqies bhala intempestiva u kien jirrizulta wkoll illi kien ghad hemm problemi fis-sens illi s-socjetà attrici naqset li twahhal is-*side panels* tal-kcina, kien hemm ilment dwar il-*handles* li ma giex indirizzat, kien hemm problema dwar l-ispazju bejn il-kcina u l-hajt u l-parti ta' fuq il-kcina u kien hemm ghaxar bibien li kellhom jigu mibdula.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Bartolo u Carol Maureen Bristow.

Ra l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll l-atti tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fuq imsemmija.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Antoine Cremona ghas-socjetà attrici u Dr Philip Magri ghall-konvenuti.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mhux kontestat illi l-konvenuti kienu nkarigaw lis-socjetà attrici sabiex tipprovdilhom *fitted kitchen* flimkien mal-*appliances* izda meta din giet konsenjata kien hemm diversi lmenti. L-ilmenti kienu jikkonsistu billi l-bibien ma kienux jaqblu jigifieri l-*stain* taghhom ma kienx jaqbel mal-kcina, kien hemm *side panels* neqsin, kien hemm *gaps* bejn il-*cupboards* tal-kcina u l-hitan u in oltre, kien hemm *gap* fil-cupboard ossia l-kaxxa li fiha kienet tidhol il-*fridge* u in oltre l-*handles* kienu qieghdin jissaddu.

Meta giet deciza l-kawza fuq imsemmija dawn l-ilmenti ma kienux gew indirizzati izda gara illi in segwitu ghall-imsemmija sentenza s-socjetà attrici intentat li tadempixxi ruhha ghal dawn in-nuqqasijiet izda minkejja li ppruvat tikkomunika mal-konvenuti, ma setghux isibuhom u sahansitra l-avukat taghhom kien informhom illi kien jissuspetta li dawn ma kienux ghadhom residenti Malta (vide Dok CB3 a fol 37 tal-process). Kien ghalhekk li mbaghad is-socjetà attrici pprocediet biex ipprezentat cedola ta' depozitu fit-14 ta' Settembru, 2007 u pprocediet biex kontestwalment tipprezenta l-kawza odjerna.

Waqt il-mori tal-kawza t-Tribunal ipprova jwassal il-partijiet ghal ftehim izda hareg illi l-atturi ma kienux aktar interessati sabiex l-ilmenti minnhom lamentati jigu indirizzati mis-socjetà attrici u fil-fatt irrizulta wkoll illi fit-18 ta' Gunju, 2007, huma kienu inkarigaw mastrudaxxa iehor sabiex jindirizza l-problemi tal-bibien u l-handles ghar-rigward tal-problemi l-ohra huma rrifjutaw l-offerta tas-socjetà attrici.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja illi s-socjetà attrici attwalment m'indirizzatx l-ilmenti tal-konvenuti, hija verament ipprovat tindirizzhom u kienu l-istess konvenuti illi rrifjutaw din l-offerta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjonijiet ta' *res judicata* u tal-intempestivita ghandhom jigu michuda.

Il-konvenuti qajmu wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148 izda ma ndikawx liema sub-artikolu ta' dan l-Artikolu ghandu japplika ghal kaz odjern u dan it-Tribunal ma jistax jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas u konsegwentement din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Barra minn hekk it-Tribunal ghandu dubji dwar kemm kwalsijasi wahda mis-subartikoli indikati fl-Artikolu 2148 japplikaw ghall-kaz odjern u f'kull kaz, taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata u konsegwentement galadarba sat-18 t'Ottubru, 2006 gie ritenut li l-azzjoni kienet intempestiva, certament sa dakinhar ma kinitx qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Bejn it-18 t'Ottubru, 2006 u t-13 t'Ottubru, 2007 m'ghaddiex il-perjodu indikat fl-Artikolu 2148. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghda tigi michuda.

Illi fil-mertu t-Tribunal huwa tal-fehma illi f'dan ir-rigward il-konvenuti kienu gustifikati sabiex jirrifjutaw li jhallsu l-ammont bilancjali mitlub mis-socjetà attrici. It-Tribunal jinnota illi fil-kawza odjerna is-socjetà attrici qieghda titlob is-somma ta' tliet mija u tnejn u disghin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm392.57c) mentri fil-kawza precedenti kienet qieghda titlob is-somma ta' tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm348). Huwa probabbli illi d-differenza bejn dawn iz-zewg figuri jirrapprezentaw l-ispiza addizzjonali li nkorrit is-socjetà attrici sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet taghha innifisha u fil-fatt fl-avviz tal-kawza odjerna huwa ndikat illi l-ammont mitlub jikkomprendi wkoll xogholijiet addizzjonali.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi ta' dawn ix-xogholijiet addizzjonali s-socjetà attrici m'ghandha l-ebda ragun stante illi dawn gew necessitati proprju minhabba l-inadempjenza taghha innifisha.

Ghar-rigward tal-ammont ta' tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm348), it-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm tnaqqis minn din is-somma biex ikopri l-ispejjez inkorsi mill-konvenuti sabiex jirrangaw il-bibien u jbiddlu l-*handles* kif jirrizulta mic-certifikat minnhom esebit tat-18 ta' Gunju, 2007 fl-ammont ta' mija u hamsa u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm165.20c).

In oltre t-Tribunal huwa tal-fehma illi assolutament m'huwiex accettabbli illi meta xi hadd jordna *fitted kitchen* idum dawk is-snin kollha joqghod jistenna li l-problema li jilmenta dwarhom il-konsumatur idumu daqshekk biex jigu indirizzat. Is-socjetà attrici tghid illi qabel ma l-konvenuti marru ghand haddiehor biex isewwu l-kcina messhom almenu ppruvaw jaqbdu maghhom izda t-Tribunal ihoss illi f'dawn ic-cirkostanzi partikolari, l-konvenuti kienu ben gustifikati li jitilfu l-fiducja li kellhom li s-socjetà attrici kienet sejra tindirizza l-problema li kienet qamet. Ma jistax ma jigix innotat illi minkejja s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presedut tat-3 t'April, 2006, is-socjetà attrici minflokk ma ssikombit ghal din is-sentenza u ndirizzat il-problema minnufih, ghazlet li tkompli tikkontesta l-kaz bhal li kieku kienet gustifikata li titlob il-bilanc minghajr ma tindirizza l-problemi li kienu rrizultaw lit-Tribunal u gustifikati.

Dan qieghed jinghad ghaliex jimpingi fuq il-gudizzju ekwitattiv li ghandu jasal ghalih it-Tribunal f'din il-vertenza.

It-Tribunal ihoss illi f'cirkostanzi simili kellu jkun hemm skont sostanzjali mill-prezz originali anke kieku s-socjetà attrici attwalment indirizzat il-problema u *multo magis* meta s-socjetà attrici attwalment damet is-snin sabiex taccetta l-istat ta' fatt u tipprova tindirizza l-problema.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma illi wiehed kien ikun gustifikat illi jasal li ghandu jkun

hemm skont ta’ 25% mis-somma originali u tenut kont tal-fatt illi l-kcina, minghajr l-*appliances*, kienet tiswa elf, sitt mija u erbghin Lira Maltin (Lm1,640), 25% ta’ din is-somma ggib is-somma ta’ tliet mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm335). Din is-somma maghduda mas-somma fuq imsemmija ta’ mija u hamsa u sittin Lira Maltin (Lm165) indikata mill-konvenuta biex sewwew il-bibien u jbiddlu l-*handles* u jisprejjaw il-kcina huma aktar mill-ammont mitlub mis-socjetà attrici u konsegwentement it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jichad it-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqtà u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-socjetà attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------